MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2004

Numru 350/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Magri**
v

**VICTOR AGIUS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **VICTOR AGIUS** ta' tlieta w ghoxrin sena bin Paul u Mary nee Saliba, imwieled Pieta nhar s-sittax ta' Settgembru 1980 u joqghod 'Her & Mine', Triq Censu Tanti, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 472680M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-hdax ta' Settembru 2003 u fix-xhur ta' wara din d-data, xjentement laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif wkoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex jbieghhom jew imexxihom,

liema oggetti kienu gejjin minn serq kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin u bil-hin.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Mejju 2004, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fl-atti inkluz l-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Lawrence Quintano, kif wkoll l-fedina penali tal-imputat markata bhala dokument CSH 1 fl-atti, l-okkorrenza markata bhala dokument CSH 2, u l-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat nhar s-sitta ta' Marzu 2004 esibita fl-atti bhala dokument CSH 3.

Ikkunsidrat:

Illi ai fini ta' piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni is-segwenti fatturi bhala fatturi mitiganti.

1. Il-ko-operazzjoni tal-imputat mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni kif jirrizulta kemm mill-istqarrija li rrilaxxja l-imputat kif wkoll minn dak li gie verbalizzat mill-Prosekuzzjoni f'dawn l-atti, b'mod partikolari li bil-ko-operazzjoni tal-imputat, il-Prosekuzzjoni irnexxilha tikseb diversi mobiles ohrajn gejjin minn reat ta' serq li jinstabu f'idejn terzi;

2. L-ammissjoni bikrija tal-imputat u cioe fl-ewwel opportunita moghtija lilu fil-presentata, u ghalhekk

ma nhela ebda hin pressjuz tal-Qorti, u li ghalkemm ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem jew b'xi forma ta' dritt jew attendibilita ssarraf f'riduzzjoni fil-piena, ir-regolamenti generali jghidu li imputat ghandu jibbenefika minn skont fil-piena;

3. Ir-res furtiva f'dan il-kaz kienet tikkonsisti f'zewg mobile phones tal-ghamla Seimens u Samsung u filwaqt li l-mobile phone tal-ghamla Seimens gie rekuperat, l-imputat ghamel tajjeb ghal mobile l-iehor tal-ghamla Samsung fis-sens li seduta stante huwa hallas l-valur tieghu ta' mija hamsa w tmenin lira maltin lil John Scerri u b'hekk is-socjeta ma sofriet ebda danni materjali f'dan r-reat;

4. Il-fedina penali tal-imputat li hija wahda ndellibbli minghajr ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat u ghalhekk l-istess imputat ghandu jigi trattat daqs li kieku kien *a first time offender*.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li dawn ic-cirkostanzi fuq imsemmija kollha huma ragunijiet validi ghall-mitigazzjoni fil-piena fil-konfront tal-imputat odjern.

**Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lil imputat VICTOR AGIUS hati tal-akkuza kif ammessa minnu stess u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------